Jum Dinji Missjunarju - 22 ta' Ottubru 2023

# Qlub Imkebbsa

## SAQAJN MEXJIN

(Lq. 24:13-35)



missio

Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**

VO/1178

Nru. 7 Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT1171 2123 6962 missio.org.mt/missio-month

# Ix-xahar Missjunarju – Xahar Mimli Ferħ



## Qlub Imkebbsa
## SAQAJN MEXJIN

(Lq. 24:13-35)

Ottubru huwa xahar sabiħ u mimli ferħ. Fih niftakru l-aktar f'Marija u ngħidu r-Rużarju bħala turija tal-imħabba tagħna lejn ommna Marija. F'dan ix-xahar ukoll u aktar mis-soltu, nuru l-imħabba tagħna lejn il-missjoni; lejn l-evanġelizzazzjoni tal-ġnus għall-bxara t-tajba. Din is-sena, Papa Franġisku semma' l-messaġġ tiegħu għal din l-okkażjoni: ***Qlub Imkebbsa, Saqajn Mexjin.*** L-isfond ta' dan il-messaġġ huwa r-rakkont tal-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws, fejn il-Papa jsemmi tliet punti interessanti ħafna li huma programm għalina li rridu nevanġelizzaw lid-dinja tal-lum:

a) qalbhom kienet imkebbsa,
b) għajnejhom infetħu,
ċ) reġgħu lura jiġru.

Meta f'xi maratona fuq it-televixin naraw xi persuni li qed ibatu, jiġri li ħafna nies iħossu għalihom u jagħtu d-donazzjoni tagħhom. Però aħna fuq kollox għandna nevanġelizzaw mhux għax is-sentimenti tagħna jimbuttawna biex nagħtu xi





ħaġa, imma għax il-Kelma t'Alla ddawlilna u tmissilna 'l qalbna. Meta ngħixu l-Kelma nkunu qed ngħixu l-kultura ta' Ġesù; t'Alla. Fl-aħħar mill-aħħar il-missjoni hija Tiegħu; aħna qaddejja inutli u dak li ngħaddu lill-oħrajn m'għandux ikun il-kliem u l-proġetti tagħna, imma lil Ġesù preżenti fil-Kelma tiegħu.

Papa Franġisku jgħidilna: *"Kristu Rxoxt huwa kemm dak li jaqsam il-ħobż, kif ukoll il-ħobż maqsum; maqsum għalina. Allura, kull dixxiplu missjunarju huwa msejjaħ li jkun bħal Ġesù u Fih, bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, ikun dak li jqassam il-ħobż u dak li jsir ħobż imqassam lill-umanità; Knisja awtentikament Ewkaristika, hija Knisja missjunarja. Jalla qlubna jkunu dejjem għatxana għall-ħbiberija ma' Ġesù b'tali manjiera li bħad-dixxipli ta' Għemmaws, fis-sigħat ta' tard billejl, ħerqanin nitolbu lil Ġesù: "Ibqa' magħna, Mulej!"*

Għaliex il-mandat tal-missjoni jimlieni bil-ferħ?

Għaliex fi kliem il-Papa kull bniedem għandu d-dritt li jirċievi l-Vanġelu. L-Insara għandhom l-obbligu li jħabbruh mingħajr ma jħallu lil ħadd barra, mhux bħal xi ħadd li jimponih bħala obbligu ġdid, imma bħal wieħed li qed jaqsam il-ferħ tiegħu, li qed juri orizzonti sbieħ, li qed joffri ikla tajba tant mixtieqa lill-oħrajn.

Fuq nota personali ngħid: *"Kemm fost il-ħafna nies li qed jgħixu f'Malta u dawk 'il bogħod minn pajjiżhom minħabba sitwazzjonijiet ekonomiċi, qed isibu fil-Knisja lokali kemm il-ferħ kif ukoll il-familja tagħhom 'a home away from home'?*

*Aħna f'Missio nirringrazzjawkom li intom, bħala benefatturi tagħna, bil-għajnuna tagħkom fit-talb u bl-għajnuna finanzjarja tagħkom, qegħdin flimkien magħna tagħmlu din il-festa lil tant nies li qed jistennew ħajja mimlija bil-ferħ tal-Evanġelju."*

missio
Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**

VO/1178

# Qlub Imkebbsa, Saqajn Mexjin *(cf. Lq. 24:13-35)*



Biex jiċċelebra lill-missjunarji u l-ħidma tagħhom, Papa Franġisku ppubblika messaġġ għall-Jum Missjunarju Dinji tal-2023.

Il-messaġġ tiegħu jħeġġeġ lin-nies madwar id-dinja kollha biex iġeddu l-impenn tagħhom ħalli jxerrdu l-Aħbar it-Tajba u jappoġġjaw il-ħidma missjunarja.

Qlub Imkebbsa
SAQAJN MEXJIN
(Lq. 24:13-35)

Għeżież Ħuti,

Għall-Jum Missjunarju Dinji ta' din is-sena, għażilt tema ispirata mill-istorja tad-dixxipli fi triqithom lejn Għemmaws, fl-Evanġelju ta' San Luqa (ara 24:13-35): ***"Qlub imkebbsa, saqajn mexjin"***. Dawk iż-żewġ dixxipli kienu mħawda u mbeżżgħin, iżda l-laqgħa tagħhom ma' Kristu fil-kelma u fil-qsim tal-ħobż qanqlet fihom ix-xewqa entużjasta li jerġgħu jitilqu lejn Ġerusalemm u jxandru li l-Mulej tassew qam. Fir-rakkont tal-Evanġelju, aħna nipperċepixxu din il-bidla fid-dixxipli permezz ta' ftit xbihat li jiżvelaw: qalbhom tkebbset ġo fihom hekk kif semgħu l-Iskrittura spjegata minn Ġesù, għajnejhom infetħu hekk kif għarfuh u, fl-aħħar mill-aħħar, saqajhom telqu fi triqithom. Billi nimmeditaw fuq dawn it-tliet xbihat, li jirriflettu l-vjaġġ tad-dixxipli missjunarji kollha, nistgħu nġeddu l-ħeġġa tagħna għall-evanġelizzazzjoni fid-dinja tal-lum.

Aqra iktar: [https://missio.org.mt/missio-month/](https://missio.org.mt/missio-month/)



# Qlub Imkebbsa
# SAQAJN MEXJIN

(Lq. 24:13-35)

Fl-għodwa ta' Ħadd il-Għid, id-dixxipli ltaqgħu ma' Marija Maddalena li qaltilhom li l-Mulej kien qam mill-imwiet. Pietru u Ġwanni jħaffu lejn il-qabar u jiskopru qabar vojt. Filgħaxija tal-istess jum, żewġ dixxipli jitilqu minn Ġerusalemm, b'qalbhom maqsuma, lejn ir-raħal tagħhom, Għemmaws. Magħhom jissieħeb il-Mulej li jaqsam magħhom l-għerf tal-Kelma ta' Alla u bil-kelma tiegħu jħeġġiġhom. Huma jistednuh jibqa' magħhom u jagħrfuh fil-qsim tal-ħobż. L-esperjenza missjunarja hija wkoll esperjenza li tgħaddina minn diversi proċessi.

Illum niftakru fil-missjunarji tagħna li telqu kollox, lejn art mhux magħrufa, bil-ħeġġa tal-Evanġelu fil-qalb tagħhom, humu jfittxu li jiltaqgħu mal-Mulej u jaqsmu l-ħobża tal-kelma u tal-imħabba ma' popli ġodda. Jalla l-esperjenza ta' Għemmaws tkun ukoll esperjenza li ġġegħelna nkunu missjunarji fl-ambjenti tagħna.

Jalla il-ħeġġa li għexu d-dixxipli ta' Għemmaws fil-laqgħa tagħhom ma' Ġesù tkun ukoll il-ħeġġa li timla l-qalb tagħna.

✠ **Charles Jude Scicluna**
Arċisqof ta' Malta



Fil-messaġġ għall-Jum il-Missjoni, Papa Franġisku jirrifletti fuq il-ġrajja ta' Għemmaws u jislet messaġġ importanti għalina. Id-dixxipli ta' Għemmaws, meta ltaqgħu ma' Ġesù, qalbhom imtliet bil-ħeġġa u bil-ferħ, għajnejhom infetħulhom waqt il-qsim tal-ħobż u malajr telqu lura lejn Ġerusalemm biex jirrakkontaw dak li kien ġara lil sħabhom l-oħra.

Din hija l-esperjenza missjunarja li kull wieħed u waħda minna msejħin ngħixu.

Bħad-dixxipli ta' Għemmaws, kultant ngħaddu minn żmien ta' tbatija u ta' diffikultà. Id-delużjoni tagħhom, id-dwejjaq tagħhom u l-falliment li kienu jħossu, spiss ikunu tagħna. Meta dawn iltaqgħu ma' Ġesù, bdew jaqsmu miegħu dak li kellhom f'qalbhom, u mbagħad baqgħu jisimgħuh huma u mexjin fit-triq. Bil-kelma tiegħu, Ġesù beda jagħti tifsira lil dak li ma kellux, u għinhom iħarsu mod ieħor lejn dak li sa dak il-ħin għalihom kien biss falliment, frustrazzjoni u ma jinftiehemx. *"Ma kinitx imħeġġa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?"* (Lq. 24:32).

Il-kelma ta' Ġesù tifthilna għajnejna, u tgħinna nindunaw li huwa ħaj u li jinsab f'nofsna. Il-kelma ta' Ġesù tgħinna niltaqgħu miegħu fil-qsim tal-ħobż, jiġifieri fl-Ewkaristija. Il-quddiesa tal-Ħadd mhix għajr din il-laqgħa vera tagħna ma' Ġesù li jaqsam magħna lilu nnifsu bħala ikel għalina – il-ħobż li jagħti l-ħajja tassew. Hija esperjenza tassew sabiħa, meta nhar ta' Ħadd, il-familja tingħaqad flimkien madwar il-mejda biex tiekol il-ħobż tal-ħajja ta' dejjem. Hija l-enerġija li jkollna bżonn għall-ġimgħa kollha ta' ħidma u taħbit li nkunu se nibdew.

Imdawlin mill-Kelma ta' Ġesù u msaħħin bil-Ħobż tal-Ewkaristija naqbdu l-mixja tagħna tal-ħajja. Din il-mixja teħodna fuq il-postijiet tax-xogħol tagħna, tlaqqana ma' ħbieb, ma' nies ta' nazzjonalità oħra, ma' nies li jemmnu jew li ma jemmnux. Matul din il-mixja tagħna, bħad-dixxipli ta' Għemmaws aħna wkoll inwasslu l-kelma li smajna u l-laqgħa tagħna mal-persuna ta' Ġesù fil-ħobż maqsum; fl-Ewkaristija.

Din hija l-esperjenza missjunarja tagħna lkoll. Mhemmx bżonn



immorru f'pajjiżi mbiegħda jew foqra biex inkunu missjunarji. Biżżejjed ngħixu s-sejħa Nisranija tagħna b'mod sħiħ. Mhux biżżejjed għan-Nisrani li jisma' l-Kelma u li jieħu sehem fl-Ewkaristija. Jeħtieġ li din l-esperjenza ma jżommhiex għalih, iżda jaqsamha u jxerridha ma' oħrajn.

F'dan il-Jum Missjunarju, minbarra l-għotjiet u t-talb li noffru lill-missjoni, nitolbu lil Sid il-Ħsad biex lilna lkoll, jagħmilna missjunarji fl-ambjenti li fihom ngħixu.

✠ **Mons. Anton Teuma**
Isqof ta' Għawdex



# Qlub Imkebbsa
# SAQAJN MEXJIN
(Lq. 24:13-35)

F'dan ix-xahar t'Ottubru, iddedikat lill-Missjoni, se niċċelebraw il-Ġurnata Missjunarja nhar il-Ħadd 22 t'Ottubru 2023.

Nixtieqù nuru apprezzament lejn tant missjunarji li tul is-snin marru fl-artijiet tal-missjoni. Għad hemm tant missjunarji, anke jekk ħafna minnhom f'età avvanzata, li għadhom jagħtu qalbhom u l-enerġija kollha tagħhom biex iwasslu l-ferħ tal-Evanġelju u jgħinu anke materjalment u soċjalment lill-eluf kbar ta' nies f'ħafna pajjiżi.

Il-ħidma li ssir minn tant missjunarji mad-dinja kollha hija kbira. Huma jibnu knejjes, iżommu skejjel, jikkuraw pazjenti fiċ-ċentri tas-saħħa, jilqgħu tfal jew familji abbandunati fi djar għalihom, jipprovdu bżonnijiet essenzjali biex in-nies jgħixu ħajja b'dinjità, jagħtu korsijiet lill-katekisti, jagħtu formazzjoni lil eluf ta' seminaristi u studenti reliġjużi u b'tant modi oħra jwasslu l-Aħbar it-Tajba.

Għal dawn il-ħidmiet isiru talbiet kontinwi lill-Opri Missjunarji Pontifiċji, illum magħrufa bħala MISSIO MALTA. Nappellaw biex din is-sena wkoll nuru l-ġenerożità tagħna, b'offerta sabiħa u mill-qalb fil-ġabra fil-knisja f'Jum il-Missjoni, u nwieġbu għall-appelli li jsiru minn Missio. Grazzi mill-qalb għall-ġenerożità tagħkom b'risq Missio.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 9 t'Ottubru 2023..

**Charles Bugeja**
Kanċillier

✠ **Joseph Galea Curmi**
Isqof Awżiljarju
Vigarju Generali

*(Nota: Il-flus għall-Missjoni għandhom jiġu mgħoddija lil Missio Malta, Uffiċċju Missjunarju, Nru 7, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171 jew Nru 150, Triq Lorenzo Gafà, il-Mosta MST 4128. Ċekkijiet għandhom ikunu intestati Missio Malta).*

# Sptar f'Arusha, it-Tanżanija

Fost l-iktar affarjiet li niehdu 'for granted' fil-ħajja tagħna, aktarx hemm il-kura medika. Veru li kultant ingergru għax indumu nistennew għas-servizz b'xejn, imma qajla nirrealizzaw kemm aħna xxurtjati!




Fit-Tanżanija, fil-belt ta' Arusha, hemm sptar ta' erba' kmamar kollox u minkejja li huwa limitat ħafna u jaħdmu fih żewġ tobba biss, dan jaqdi l-bżonnijiet mediċi ta' eluf ta' persuni minn żona enormi. Bla infermiera u lanqas ambulanza, is-sena li għaddhiet qeda 1,142 pazjent. L-isptar jinsab fi stat pjuttost ħażin, għax sa mis-snin 80, minn kemm ilu jopera, qatt ma kien hemm fondi biex isirlu renovazzjoni, peress li l-prijorità dejjem kienet li jissalvaw il-ħajjiet.

Fi kliem Sor Grace: *"Dan l-isptar jilqa' fih kull tip ta' pazjenti, b'kull xorta ta' mard jew problemi. Fost l-iktar li nikkuraw hem dawk morda bil-malarja, bl-ażma, bil-pulmonite, bit-tifojde, bid-dijarea, bl-infezzjonijiet, bi ħruq, bl-HIV, b'mard li jittieħed sesswalment, bl-infestazzjonijiet tad-dud u bl-epilessija."*




It-Tabib Brighton jaqsam il-ġurnata ma' tabib ieħor u jaħdmu 12-il siegħa kull wieħed kuljum. Huwa jistqarr kif ta' spiss ikollu jagħżel lil min jikkura għax għal sigħat twal ikun waħdu, sakemm li t-tabib l-ieħor ikun qed jistrieħ.



Dott. Brighton jirrakkonta: *"Darba, waqt li kont qed nassisti mara li kienet qiegħda twelled, ġiet tfajla oħra għall-kura. Sakemm kienet qed tistenna li jmiss lilha, din laħqet mietet fuq is-siġġu."*

Dawn huma l-għażliet ibsin u ta' ksur il-qalb li dawn in-nies qed ikollhom jagħmlu għax m'hemmx mod ieħor. In-nuqqasijiet f'dan l-isptar huma kbar u serji. Ingwanti ma jeżistux, l-għodda hija primittivi u limitati, is-sodod imsewwijin ta' kafkaf, is-saqqijiet magħmulin minn biċċiet tal-fowm u t-twieqi ma jingħalqux sewwa; lista li ma tispiċċa qatt. Dan biex ma nsemmux in-nuqqas ta' tagħmir mediku modern, bħal sempliċi magna tal-'ultrasound'. Naturalment, l-iktar li jbatu minn din is-sitwazzjoni huma dawk vulnerabbli, bħat-tfal, l-anzjani u n-nisa tqal.

Sor Grace tgħid: *"Mal-inqas kumplikazzjoni, il-pazjenti jkollhom jittieħdu fi sptar attrezzat aħjar f'belt fil-qrib, spiss fuq mutur qadim, għal vjaġġ li jieħu madwar sagħtejn f'toroq mimlija ħofor u skossi."*

Il-privatezza, kif wieħed jista' jimmaġina, f'dan l-isptar ma teżistix. Pereżempju, mara li tkun għadha kif welldet u li tkun għadha ġejja f'tagħha, spiss ikollha taqsam l-istess spazju ma' pazjenti oħrajn li jkun imiss lilhom jiġu kkurati. Apparti d-dinjità tal-persuni, dan iżid mhux ftit ir-riskju ta' infezzjonijiet u tixrid ta' mard żejjed. It-tobba bħal Dott. Brighton, jafu li dawn mhumiex prattiċi mediċi tajbin, iżda jafu wkoll li ma jistgħux jagħmlu aħjar.

Missio Malta jemmen li hemm mod aħjar kif l-eluf ta' pazjenti ta' dan l-isptar fit-Tanżanija jkunu moqdija. Inti tista' tgħin sabiex it-tobba ta' dan l-isptar ma jkollhomx għalfejn jagħżlu lil min se jsalvaw bil-kura tagħhom.

Ingħaqad magħna matul ix-xahar t'Ottubru u fil-Jum Missjunarju Dinji nhar il-Ħadd 22, u ilqa' l-istedina ta' Papa Franġisku sabiex ikollna 'Qlub imkebbsa u saqajn mexjin' (Lq. 24:13-35). Ejjew ngħixu l-Vanġelu mqaddes fil-prattika, billi nagħtu s-sostenn tagħna lil Missio Malta.








# Riżorsi għall-Parroċċi u Komunitajiet oħra

# Fatti, intenzjonijiet u talb għal waqt il-quddiesa bejn is-16 u l-20 t'Ottubru, 2023

## It-Tnejn 16 t'Ottubru

Il-Kontinent Ewropew huwa rrappreżentat bil-kulur abjad. L-abjad huwa wkoll il-kulur li jirrapreżenta lill-Papa. Illum, se niftakru fl-irħula foqra tal-Albanija. Ir-raħal ta' Suc, li jinsab fil-muntanji fir-reġjun ta' Mat huwa wieħed mill-irħula l-aktar fqar. Fil-qrib hemm diversi rħula oħra mferrxin u bogħod minn xulxin f'żoni remoti. F'dawn ir-reġjuni, it-tfal u ż-żgħażagħ m'għandhom xejn għajr l-iskola. Ħafna minnhom jaħdmu jew fl-għelieqi jew fix-xogħol tad-dar, għaliex il-familji huma fqar ħafna. Il-missjunarji f'dawn il-lokalitajiet huma mpenjati fit-tagħlim tal-fidi u joħolqu okkażjonijiet biex ilaqqgħu lit-tfal u liż-żgħażagħ flimkien, anki jew huma Musulmani, biex jaraw li dawn għandhom edukazzjoni, ikel u mediċini biżżejjed.

**Nitolbu Flimkien:**

**Mulej Ġesù, agħmel li l-Ewropa tkun minn tal-ewwel li tagħti protezzjoni u merħba lil dawk li jiġu minn pajjiżi oħra, u mhux tirrifjuta jew tifred. Agħmel Mulej li dan il-kontintent jibqa' magħruf għall-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazzjoni u appoġġ. Nitolbu ...**

*Ngħidu t-talba tal-Missierna flimkien.*

## It-Tlieta 17 t'Ottubru

Il-Kontinent Afrikan huwa rrappreżentat bil-kulur aħdar. L-aħdar ifakkarna fil-mergħat ħodor tal-Afrika. F'dan il-kontinent, l-irħula foqra huma mbegħedin minn xulxin u n-nies jgħixu permezz tal-biedja, u fejn hemm ix-xmajjar, jgħixu permezz tas-sajd. Imma jonqoshom ħafna neċessitajiet, bħal skejjel, sptarijiet, ilma nadif, mediċini u knejjes. Il-bżonnijiet huma kbar, speċjalment għat-tfal, li għandhom bżonn sostenn biex imorru l-iskola, peress li l-iskejjel f'dawn il-pajjiżi mhumiex b'xejn, u biex jinxtrawlhom affarijiet għall-iskola, mediċini, uniformijiet u żraben.

**Nitolbu Flimkien:**

**Mulej Ġesù, agħmel li l-Afrika tkun ta' ispirazzjoni għall-kontinenti l-oħra, l-aktar**

**Fejn jidħlu l-kultura u l-valuri. Li jkollhom missjunarji li jintegraw magħhom u mal-mod kif jgħixu, u li t-tfal f'dan il-kontinent ikollhom iktar okkażjonijiet fejn jesprimu rwieħhom ħalli jkollhom futur aħjar. Nitolbu ...**

*Ngħidu t-talba tal-Missierna flimkien.*

## L-Erbgħa 18 t'Ottubru

Il-Kontinenti Amerikani huma rrappreżentati bil-kulur aħmar. L-aħmar ifakkarna fin-nar tal-fidi li ħeġġeġ lill-missjunarji biex imorru bi ħġarhom f'dawn il-pajjiżi. Fl-Amerika Latina, il-Knisja taħdem bi sħiħ biex kull tifel u tifla jkunu jistgħu jmorru

l-iskola. L-iskejjel f'dan il-pajjiż, iservu ikla ross kuljum. Dan jagħmluh għal prezz baxx ħafna. Importanti imma li dan jibqa' jsir kemm għal saħħithom u kemm għall-futur tagħhom.

### Nitolbu Flimkien:

**Mulej Ġesù, nitolbuk tippermetti li l-Ameriki jispikkaw fil-kuluri kollha tagħhom, biex id-differenzi jiġu rrispettati u stmati, ħalli l-minoranzi jiġu protetti. Jalla l-ħeġġa tal-fidi tagħhom taffetwa lilna lkoll. Nitolbu ...**

*Ngħidu t-talba tal-Missierna flimkien.*

## Il-Ħamis 19 t'Ottubru

Il-Kontinent tal-Asja huwa rrappreżentat bil-kulur isfar. L-isfar jissimbolizza d-dawl tax-xemx li titla' mil-Lvant. Il-prijorità tal-Knisja hija dejjem li tgħallem u teduka lit-tfajliet f'dawn il-pajjiżi. Kull sena, madwar 250 studenta jibdew l-iskola. Dawn jiġu minn irħula 'l bogħod u minn familji foqra ħafna. L-edukazzjoni tat-tfajliet f'dawn il-pajjiżi hija traskurata ħafna peress li l-ġenituri għandhom konvinzjoni li l-bniet meta jikbru jiżżewwġu, u b'hekk m'għandhomx bżonn jitgħallmu. Għalhekk, il-Knisja toffri din il-possibiltà sabiex dawn it-tfajliet imorru l-iskola ħalli jkollhom futur aħjar.

### Nitolbu Flimkien:

**Mulej Ġesù, agħmel li f'dawn il-pajjiżi Asjatiċi, it-tfajliet u n-nisa jkollhom l-istess għażla daqs in-nisa fil-kumplament tad-dinja. Ikollhom l-għażla li jmorru l-iskola u jwieġbu għas-sejħa tagħhom, u jkollhom xogħol jew vokazzjoni għas-servizz tal-oħrajn u ta' Alla. Nitolbu ...**

*Ngħidu t-talba tal-Missierna flimkien.*

## Il-Ġimgħa 20 t'Ottubru

Il-Kontinent tal-Oċeanja huwa rrappreżentat bil-kulur ikħal. L-ikħal jissimbolizza l-baħar li jdawwar lill-gżejjer tal-Awstralja u l-Oċeanja. Fi New Zealand, il-mantell bir-rixx (kahu huruhuru) jintlibes b'sinjal ta' rispett u rikonoxximent. Fil-kultura tal-Maori, ir-rix għandu valur kbir u jintlibes biss min-nies ta' ċerti pożizzjonijiet fis-soċjetà. Hawnhekk, il-Knisja hija mpenjata fit-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel kollha. Ikollhom bżonn fondi għar-riżorsi sabiex jiffurmaw l-għalliema u biex ikollhom mezzi tat-trasport ħalli jivvjaġġaw minn skola għal oħra.

### Nitolbu Flimkien:

**O Marija, nitolbuk biex il-Kontinent tal-Oċeanja jibqa' jħaddan il-patrimonju ta' sbuħija u kultura. Nitolbuk Marija, biex tkun inti t-triq li twassal lil Ġesù lil dan il-poplu, ħalli jkun jista' jsir jaf lil ibnek dejjem iżjed u jħobbu. Nitolbu ...**

*Ngħidu t-talba tal-Missierna flimkien.*

# Talba Ieħor Għal Matul Ottubru

## Talba għas-solidarjetà

Mulej u Missier ta' kulħadd, permezz tiegħek aħna nitgħallmu li aħna lkoll uliedek, parti mill-familja waħda.

Għinna nkunu aħwa ma' xulxin, insostnu lil xulxin u naħdmu ma' xulxin.

Biex bl-għajnuna tiegħek, nibnu dinja mimlija ħniena, ħlewwa, ġustizzja u paċi.

Bi Kristu Sidna, Ammen.

## Talba favur il-fqir

Mulej u Missier ta' kulħadd, ibnek Ġesù, urina kif nieħdu ħsieb u nħobbu lil uliedek li huma fqar u li għandhom bżonn ftit iktar għajnuna.

Agħmel li nitgħallmu minn Ġesù kif naqsmu minn dak li għandna magħhom, li nisimgħu l-karba tagħhom, li nagħmlu li nistgħu biex ngħinuhom u biex nitolbu dejjem għalihom.

B'hekk inkunu nistgħu nsostnu lil dawn ħutna huma fejn huma fid-dinja.

Bi Kristu Sidna, Ammen.

## Talba għall-parteċipazzjoni tal-komunità

Mulej u Missier ta' kulħadd, inti ma trid lil ħadd minn uliedek iħossu waħdu, imma trid kull wieħed minnhom ikun jaf kemm huwa prezzjuż u maħbub.

Għinna nibnu komunitajiet fejn in-nies kollha jħossuhom inklużi.

Għinna wkoll naqsmu mal-komunitajiet tagħna id-doni u t-talenti li inti tajtna,biex aħna inkunu nistgħu nitgħallmu minn xulxin, naħdmu flimkien, u nikbru dejjem iżjed fl-imħabba u l-ħniena tiegħek.

Bi Kristu Sidna, Ammen.



## Talba ta' apprezzament u ringrazzjament

Mulej u Missier ta' kulħadd,
grazzi talli tajtna din id-dinja
sabiħa.

Għinna napprezzaw kuljum
is-sbuħija tan-natura ta'
madwarna, u nieħdu ħsieb
l-annimali, l-insetti, il-ħut,
l-għasafar u l-pjanti.

Inkuraġġina biex naħdmu
ma' ħutna kull fejn jinsabu
biex flimkien inkunu nistgħu
nipproteġu lid-dinja li int ħlaqt
għalina bħala dar biex naqsmuha
bejnietna.

Bi Kristu Sidna, Ammen.



# Riżorsi

**Websajt:** https://missio.org.mt/missio-month/

**Biex tniżżel il-Vidjow:** https://we.tl/t-5stv2sFtNK

**Noti għall-Omelija u Talb** – Noti biex jgħinu fl-omelija u fit-talb għall-quddiesa.

**Powster:**




**Fuljett:**




**Vidjow fuq YouTube:** https://youtu.be/BK8q5wU0S0Q

# QLUB IMKEBBSA, SAQAJN MEXJIN

*Addattata minn Claudia Cini.*

Wara li Ġesù qam mill-imwiet, deher lil ħafna mid-dixxipli tiegħu. Huwa ltaqa’ ma’ tnejn mid-dixxipli fi triq ’il barra minn Ġerusalemm. Huma kienu mexjin lejn raħal jismu Għemmaws, filwaqt li jitkellmu dwar dak kollu li kien ġara, meta Ġesù resaq u beda jimxi magħhom.




Fin-niket tagħhom, id-dixxipli ma għarfux li kien Ġesù li resaq lejhom. Kienu jiem diffiċli ħafna għad-dixxipli ta’ Ġesù. Huma kienu raw u semgħu dwar il-mewt ta’ Sidhom u issa kienu lkoll waħedhom mingħajr ħadd li jħobbhom u jmexxihom bħalma kien jagħmel magħhom Ġesù.



Imbagħad, waqt li baqgħu mexjin, Ġesù interpreta ħafna diskorsi li l-profeti, fosthom Mosè, kienu qalu dwaru fl-Iskrittura. Fl-aħħar, waslu fir-raħal ta' Għemmaws, u Ġesù kompla miexi 'l quddiem. Imma ż-żewġ dixxipli sejħulu lura.




Għalhekk Ġesù ġie lura biex joqgħod magħhom. Huma poġġew bilqiegħda għall-ikel, u Ġesù ħa l-ħobż, bierku u qassmu, u tah lid-dixxipli. F'dak il-mument, għajnejhom infetħu, u għarfu lil Ġesù għall-ewwel darba. Imbagħad telaq minn quddiemhom.





Ix-xahar t'Ottubru huwa x-Xahar tal-Missjoni u għalhekk f'dan ix-xahar jiġi ċċelebrat 'Il-Jum Missjunarju' li din is-sena jaħbat fit-22 t'Ottubru. Minħabba l-importanza ta' dan il-jum, il-Papa jibgħat messaġġ lid-dinja kollha, fuq kollox lill-Insara. Din is-sena Papa Franġisku għażel bħala suġġett: ***"Qlub Imkebbsa, Saqajn Mexjin"***, mill-Vanġelu ta' San Luqa Kapitlu 24, Versi 13-35, li jitkellem dwar id-dixxipli ta' Għemmaws, li għadna kemm qrajna dwarhom.

# Qlub Imkebbsa

## SAQAJN MEXJIN

(Lq. 24:13-35)



**QLUB IMKEBBSA** - Importanti li l-qlub tagħna jkunu mkebbsa, jiġifieri mħeġġa. Irridu noqogħdu attenti biex ma nħallux li l-qalb tagħna ssir iebsa u indifferenti quddiem il-bżonnijiet ta' tant li jinsabu fil-bżonn. Ix-xahar t'Ottubru jiġi biex, jekk forsi tgħażżinna xi ftit u qalbna birdet, nerġgħu nitħeġġu, nagħtuha l-ħajja u l-ħeġġa meta naraw u naqraw fuq il-mezzi soċjali l-bżonnijiet ta' tant tfal bħalkom fil-pajjiżi tal-missjoni. Għalhekk, nitolbu lil Ġesù biex iħeġġeġ lil qlubna ħalli ngħinu milli nistgħu lit-tfal tal-missjoni.



**SAQAJN MEXJIN** – Importanti li ma nibqgħux fejn aħna, jiġifieri nimxu u ngħinu lil dawn il-pajjiżi tal-missjoni. Nimxu billi nfittxu oħrajn biex jgħinu lill-missjoni. Nimxu biex forsi xi darba aħna stess immorru l-missjoni. Għalhekk, nitolbu lil Ġesù biex imexxi lil saqajna ħalli ngħinu kif nistgħu lit-tfal tal-missjoni.

# Riżorsi għall-quddiesa tat-tfal jew għal talb mat-tfal matul ix-Xahar Missjunarju.

**Waqt il-purċissjoni tad-dħul, it-tfal jakkumpanjaw lill-qassis.**
Oġġetti li jtellgħu magħhom it-tfal:

- Globu jew mappa
- Xemgħat – 5 bil-kuluri tal-kontinenti
- Karus ta' Missio (jew xi važett b'xi muniti jew flus fih)
- Il-Lezzjonarju tal-quddies

**Animatur:**
Qed intellgħu fuq l-artal, il-globu (mappa) tad-dinja biex niftakru fit-tfal tad-dinja kollha.

Qed intellgħu ħames xemgħat bil-kuluri tal-missjoni:

- Il-ħadra - għat-tfal fl-Afrika
- Is-safra – għat-tfal fl-Asja
- Il-bajda - għat-tfal fl-Ewropa
- Il-blu - għat-tfal fl-Oċeanja
- Il-ħamra - għat-tfal fl-Ameriki.

- Qed intellgħu karus (važett bil-flus). Aħna lesti li naqħtu minn dak li għandna għall-oħrajn?

- Qed intellgħu ukoll il-Vanġelu u llum se nisimgħu lil Ġesù jgħid lid-dixxipli tiegħu biex imorru jgħidu lil kulħadd dwaru u dwar dak li għallimhom ħalli jkomplu l-missjoni tiegħu.

**Ċelebrant:**
Aħna msejħin minn Alla biex nagħmlu differenza, żgħira kemm hi żgħira. Din tfisser tkun missjunarju. Ottubru huwa x-xahar missjunarju. Illum, huwa jum speċjali għax niċċelebraw li aħna komunità u li nagħmlu affarijiet sbieħ flimkien. Aħna komunità li qed inkomplu l-missjoni ta' Ġesù u nxandru l-Bxara t-Tajba lid-dinja kollha. Ġesù bagħat lill-Ispirtu s-Santu biex jibqa' magħna u jgħinna nagħmlu dan ix-xogħol filwaqt li naqsmu l-imħabba tiegħu. Kull wieħed u waħda minna għandna l-irwol tiegħu, imma flimkien nistgħu nagħmlu xi ħaġa sabiħa flimkien. Flimkien aħna missjoni! Illum inġbarna flimkien biex niċċelebraw, b'mod speċjali, kif aħna magħqudin flimkien u kif aħna msejħin inħobbu u nieħdu ħsieb lil xulxin. Aħna msejħin biex nieħdu ħsieb l-aktar lil dawk li jgħixu fil-faqar jew fil-biża'.

**Fit-talb tagħna llum niftakru:**

- Fit-tfal fl-Afrika (nixgħelu x-xemgħa l-ħadra)
- Fit-tfal fl-Asja (nixgħelu x-xemgħa s-safra)
- Fit-tfal fl-Ewropa (nixgħelu x-xemgħa l-bajda)
- Fit-tfal fl-Oċeanja (nixgħelu x-xemgħa l-blu)
- Fit-tfal fl-Ameriki (nixgħelu x-xemgħa l-ħamra)

**Talba:**
Alla missier, inti tħobbna bħalma missier iħobb lil uliedu. Għinna ngħixu u nħobbu bħal Ibnek Ġesù. Nitolbu din it-talba fi Kristu, Ibnek Ġesù li jgħix u jsaltan ħaġa waħda miegħek fl-Ispirtu s-Santu, Alla wieħed għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Akklamazzjoni tal-Evanġelu:**
Allelulja, Allelulja!

"Morru fid-dinja kollha u xandru l-vanġelu."

Allelulja!

Qari mill-Evanġelu skont San Mattew (Mt. 28:16-20)

(Mk. 16:14-18; Lq. 24:36-49; Ġw. 20:19-23; Atti 1:6-8)

Il-ħdax-il dixxiplu telqu lejn il-Galilija u marru fuq il-muntanja fejn kien ordnalhom Ġesù. Kif rawh, inxteħtu quddiemu, għalkemm xi wħud iddubitaw. Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: *"Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien."*

Il-Kelma tal-Mulej.

**Talbiet tal-Komunità:**

- Nitolbu Mulej Ġesù biex it-tfal tad-dinja kollha jgħixu fil-ferħ u l-imħabba tiegħek. Nitolbu ...

- Nitolbu O Mulej biex inkunu aħna stess li naħdmu għal ġustizzja u nagħtu sapport lil dawk li jkunu f'diffikultà, dawk li huma mingħajr saqaf fuq rashom, u dawk li huma morda, imbeżżgħin jew waħedhom. Nitolbu ...

- O Mulej nitolbu biex bil-grazzja tiegħek naqsmu l-imħabba t'Alla ma' ħutna madwar id-dinja kolla billi nagħtu milli għandna u nitolbu għal dawk it-tfal 'il bogħod minna. Nitolbu ...

- O Mulej nitolbu għat-tfal li qed ibatu, u li huma mkissrin minħabba l-gwerer, il-vjolenza u l-faqar, sabiex organizzazzjonijiet bħal Missio Malta jkunu ta' sapport għalihom. Nitolbu ...

- Mulej Ġesù nitolbu għal Papa Franġisku u għar-rgħajja tal-Knisja sabiex jimxu dejjem bl-imħabba t'Alla permezz tal-Ispirtu s-Santu. Nitolbu ...

- Fl-aħħar u mhux l-inqas, O Ġesù nitolbu għall-mejtin kollha tagħna sabiex isibu l-mistrieħ f'dirgħajn il-Missier tas-sema. Nitolbu ...

**Ċelebrant:**
Aħna llum għandna nkunu eżempju ħaj ta' kif ngħixu l-fidi tagħna, b'hekk għandna nikbru fil-qdusija, fl-għaqda u fl-imħabba. Għandna nkunu minn tal-ewwel biex naraw ix-xogħol li qed jagħmel Missio Malta u naraw li ngħinu f'dan ix-xogħol. Dan għaliex Ġesù stess qalilna biex inħobbu lil xulxin bħalma ħabbna Hu.



**Talba Missjunarja:**
Mulej Alla tagħna, għinna nimxu mit-triq li twassalna għall-veru hena u biex inkomplu l-missjoni tiegħek fid-dinja tal-lum.

Għaqqadna mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba biex flimkien inwasslu l-Bxara t-Tajba sal-aktar trufijiet imbiegħda tad-dinja.

Iftaħ il-qlub tagħna u tal-komunitajiet Insara biex iwieġbu għas-sejħat li jagħmlulna dawk in-nies li l-Vanġelu għadhom ma semgħux bih, in-nies fil-bżonn, in-nies bil-problemi u n-nies imċaħħdin mid-drittijiet tagħhom.

Fakkarna biex il-ġid li għandna ma jnessiniex il-faqar ta' ħafna oħrajn. Għinna biex ħajjitna tkun xhieda vera tal-preżenza reali tiegħek fid-dinja u biex il-preżenza tiegħek f'din l-Ewkaristija timliena bit-tama tal-Qawmien.
Ammen.